31995R1084

L 109/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.5.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1084/95
tal-15 ta' Mejju 1995
li jabolixxi l-miżura protettiva li tapplika għall-importazzjonijiet tat-tewm li joriġina fit-Tajwan u li jistotwixxiha b'ċertifikat ta' l-oriġini

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħaxix ta' l-ikel [1], kif l-aħħar emendat bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja u bir-Regolament (KE) Nru 3290/94 (2), u b'mod partikolarmi l-Artikoli 22 b u 29 [2] tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1859/93 tat-12 ta' Lulju 1993 dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta'l-importazzjoni għat-tewm importat minn pajjiżi terzi [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1662/94 [4], jagħmel ir-rilaxx tat-tewm fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità bla ħsara għall-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-importazzjoni;

Billi, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2091/94 [5], il-Kummissjoni ħadet miżura protettiva li tapplika għall-importazzjonijiet tat-tewm mit-Tajwan u mill-Vjetnam li biha ġew sospiżi l-liċenzji ta' l-importazzjoni sal-31 ta' Mejju 1995 minn dawn iż-żewġ pajjiżi;

Billi, fil-każ tat-Tajwan, il-miżura protettiva ma għandhiex tiġi segwita; billi, madankollu, minħabba dubji msejsa fis-sod dwar l-oriġini attwali ta' l-importazzjonijiet tat-tewm mit-Tajwan u sabiex jiġi evitat kull tagħwiġ fil-kummerċ imsejjes fuq dokumenti mhux eżatti, il-miżura ta' salvagward għandha tiġi mibdula bid-dħul ta' ċertifikati ta' l-oriġini maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali skond l-Artikoli minn 55 sa 65 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet sabiex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 3254/94 [7]; billi, għall-istess raġuni, irid jiġi impost trasport dirett lejn il-Komunità għat-tewm li joriġina fit-Tajwan;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Frott u tal-Ħxejjex ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2091/94 ma għandux japplika iktar għat-Tajwan mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità tat-tewn li joriġina fit-Tajwan għandu jkun bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-pajjiż ta' l-oriġini, skond l-Artikoli minn 55 sa 65 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

u

(b) il-prodott irid jinġarr direttament mit-Tajwan għal ġol-Komunità.

2. L-awtoritajiet kompetenti li joħorġu ċ-ċertifikati huma elenkati fl-Anness.

3. Dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala ttrasportati direttament mit-Tajwan lejn il-Komunità:

(a) il-prodotti miġrura mingħajr ma jgħaddu minn ġot-territorju ta' kull pajjiż ieħor;

(b) il-prodotti miġrura minn ġot-territorju ta' pajjiżi oħra għajr it-Tajwan bit-trasbord jew mingħajru jew f'imħażen temporanji ġewwa dawn il-pajjiżi, sakemm iżda li t-trasport ġewwa dawn il-pajjiżi jkun iġġustifikat minħabba raġunijiet ġeografiċi jew esklussivament minħabba l-ħtiġiet tal-ġarr u li l-prodotti:

---

[1] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[2] ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105
[3] ĠU L 170, tat-13.7.1993, p. 10.
[4] ĠU L 176, tad-9.7.1994, p. 1.
[5] ĠU L 220, tal-25.8.1994, p. 8.
[6] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[7] ĠU L 346, tal-31.12.1994, p. 1.

— ikunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-transitu jew ta'l-imħażen,

— ma jkunux ġew ikkummerċjati jew maħruġa għall-konsum,

u

— ma jkunux għaddew minn ħidmiet oħra għajr dawk tat-tagħbija, it-tagħbija mill-ġdid u kull ħidma oħra maħsuba biex iżommhom f'kondizzjoni tajba.

4. Għandha tiġi fornita lill-awtoritajiet tad-dwana fil-Komunità xhieda illi l-kondizzjonijiet speċifikati fil-punt (b) tal-paragrafu 3 ġew imwettqa billi jiġu prodotti:

(a) dokument ta' trasport waħdieni maħruġ fit-Tajwan li jkopri l-passaġġ ta' transitu ġewwa l-pajjiż;

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-transitu;

— li jagħti deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti,

— li jiddikjara d-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid jew ta' l-imbark jew l-iżbark tagħhom, li jidentifika l-bastimenti wżati, u

— li jiċċertifika l-kondizzjonijiet li fuqhom l-oġġetti jkunu baqgħu fil-pajjiż tat-transitu;

jew

(ċ) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument li jissostanzjahom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-15 ta' Mejju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

L-awtoritajiet riferiti fl-Artikolu 2 paragrafu 2

Bureau of Commodity Inspection & Quarantine

Ministry of Economic Affairs

for Export & Import Certificate

issuing on behalf of

Ministry of Economic Affairs

Republic of China

— (L-Uffiċċju ta' l-Ispezzjoni u Kwarantina ta' l-Oġġetti tax-Xiri, Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u taċ-Ċertifikati ta' l-Esportazzjoni u ta' l-Importazzjoni li joħorġu f'isem il-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, ir-Repubblika taċ-Ċina).